Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

It- Tnejn, 12 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.08pm

**58.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

58.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

58.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Sebgħa u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

58.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**58.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

58.3.1 Is- Sindku talab lis- SE biex japplika ma' ERA għal approvazzjoni biex isir intervent fuq is-sigar li jinsabu fil-Foss ta' L- Mdina ħdejn Greeks Gate u biswit l-istand taz-zwiemel.

58.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li d-defribilator (AED) twaħħal fi Pjazza San Pawl ġewwa t-Telephone Box.

58.3.3 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li ser ikollu laqgħa maċ-ċermen ta' Transport Malta fejn fiha ser jiġi diskuss l-allokazzjoni ta' *parking bays* extra għal residenti ta' l-Mdina, it-tibdil fir-rata tal-ħlas li jsir għal permessi tal-karozzi li jidħlu l-Mdina kif ukoll dwar iz-zieda allarmanti ta' karozzini li qed joperaw minn ġewwa l-Mdina.

58.3.4 Is- Sindku talab li ssir laqgħa mal-Konfraternita' ta' San Guzepp minn issa fir-rigward tal-Festa ta' San Guzepp li ssir f' Marzu tas- sena d-dieħla biex b'hekk nevitaw l-problemi li nqalaw il-festa li għaddiet.

58.3.5 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li ser jibdew ix-xogħolijiet fuq l-entratura ta' Greeks Gate mir-Restoration Directorate kif ukoll gew kkummisjonati minn persuna privata biex jiġu restawrati iz-zewġ pitturi.

58.3.6 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li f' Ottubru li ġej ser tibda l-ewwel fazi tal-pavimentar ġdid ġewwa l-Mdina fejn ix-xogħolijiet ser isiru minn Infrastructure Malta.

58.3.7 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li fl-20 u 21 ta' Ġunju 2023 ser jinġibed il-film Gladiator 2 ġewwa l-Mdina.

58.3.8 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li fit- Telgħa tas- Saqqajja twaħħlu l-kumplament tal-bollards biex b'hekk nevitaw li ssir ħsara minħabba vetturi kummerċjali kbar li jitilgħu fuq il-paviment.

58.3.9 Is- Sindku staqsa hux ser ssir l-attivita' annwali tal-BBQ għar-residenti f' Jum L-Mdina. Il-Kunsill approva li ssir nhar 1 ta' Settembru 2023

58.4 **Servizzi ta' Handyman MLC02-23 Rapport Bord ta' Evalwazzjoni- Approvazzjoni**

58.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport mħejji mill-Bord ta' Evalwazzjoni fir-rigward tas- sejħa ta' offerti għal servizzi ta' Handyman għal kunsiderazzjoni u approvazzjoni tiegħu.

58.4.2 Wara li saret diskussjoni fuq dan ir-rapport, il-Kunsill ħa deċizjoni li din is-sejħa tiġi kanċellata u tinħareġ sejħa oħra għar-raguni li l-offerti mitfugħa, qabzu l-ammont stipulat mill-Kunsill li kien jammonta għas-somma ta' € 37,500.

58.4.3 Din id-deċizjoni kienet approvata unanimament.

58.4.4 Is- Sindku wera' l-preokkupazzjoni tiegħu li dan it-tip ta' servizz li jingħata huwa ta' importanza għaliex ta' kuljum jinqalgħu ċirkostanzi ta' xogħolijiet li jridu jsiru minnufih u għaldaqstant staqsa lil SE x'jista' jsir f'dan il-kaz sakemm tinħareġ terġa din is-sejħa u tiġi aġġudikata.

58.4.4.1 Is- SE wieġeb li f'cirkostanzi bħal tagħna skond iċ-cirkulari maħruġa mid- Dipartiment tal-Kuntratti datata 19 ta' Gunju 2017 tista' tingħata *direct order* u dan skond id-diskrezzjoni tal-kap tal- contracting authority u li ma tistax teċċedi is-somma ta' €5000 +VAT

58.4.4.2 Is- Sindku wara approvazzjoni mill-Kunsill talab li tinħareġ din id-Direct Order minnufih.

**58.5 Rapport Amministrattiv 2022- Approvazzjoni**

58.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport amministrattiv għas-sena 202. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

58.5.2 Fuq proposta tal-Viċi- Sindku s- Sur J. Debono li kienet ssekondata mill- Kunsilliera MA Sultana dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**58.6 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

58.9.1 LXFM- Talba biex tittella' attivita' ta' re-enactment. Sindku talab li jiltaqa' magħhom.

58.9.2 B'Kara St. Joseph- Talba biex ssir attivita' tal-ġiri fix-xhur tas-sajf minn ħdejn l- Istazzjon- Kunsill approva

58.9.3 World Clean Up Day- Talba mir- Reġjun Punent biex tittella' l-attivita' World Clean Up Day- Il-Kunsill approva u għadda rizoluzzjoni fuq dan ir-rigward (meħmuza).

58.9.4 AKL Laqgħa Plenarja- Kunsill ħa nota tagħha.

58.9.5 Regjun Punent- Pop- UP Art Event- Il-Kunsill ser jipparteċipa u qed jipproponi l- 1 ta' Settembru 2023.

58.9.6 AKL 2023/45- LESA Fondi għall-Infurzar waqt Attivitajiet fil-Lokal. Il-Kunsill ħa nota tagħha.

**58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

58.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 12 ta' Ġunju 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 15,494.59

58.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**58.8 Tmiem tal- Laqgħa**

58.8.1 Il-laqgħa ntemmet fil- 16.20pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:____24 ta'Lulju 2023___